32005L0067

19.10.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 273/17

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2005/67/KE

tat-18 ta' Ottubru 2005

li temenda, għall-għanijiet ta' l-adattament tagħhom, l-Annessi I u II għad-Direttiva tal-Kunsill 86/298/KEE l-Annessi I u II għad-Direttiva tal-Kunsill 87/402/KEE u l-Annessi I, II u III għad-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' trakters agrikoli jew forestali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/298/KEE tas-26 ta' Mejju 1986 dwar strutturi mwaħħla fuq wara ta' trakters agrikoli jew forestali tat-tip "narrow-tracked" bħala protezzjoni fil-każ li jinqalbu [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 87/402/KEE tas-25 ta' Ġunju 1987 dwar strutturi mwaħħla fuq wara ta' trakters agrikoli jew forestali tat-tip "narrow-tracked" bħala protezzjoni fil-każ li jinqalbu [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' trakters agrikoli jew forestali, it-trejlers tagħhom u makkinarju rmunkat li jista' jitwaħħal jew jitneħħa skond il-ħtieġa, flimkien mas-sistemi tagħhom, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi tagħhom u waqt li rrevokat id-Direttiva tal-Kunsill 74/150/KEE [3], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1)(a) u (b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2003/37/KE introduċiet it-twaħħil ta' ankraġġi bħala rekwiżit ġdid għall-approvazzjoni tat-tip tal-vettura agrikola jew forestali kollha kemm hi skond id-Direttiva tal-Kunsill 76/115/KEE tat-18 ta' Diċembru 1975 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-ankraġġi għaċ-ċinturin tas-sikurezza tal-vetturi bil-magna [4]. Peress li d-Direttiva 76/115/KEE tikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' kategoriji differenti ta' vertturi bil-magna mhux agrikoli, huwa meħtieġ li jiġi speċifikat liema rekwiżiti ta' dik id-Direttiva se japplikaw għal ċerti trakters agrikoli.

(2) Ir-rekwiżiti fl-Appendiċi 1 ta' l-Anness I għad-Direttiva 76/115/KEE għal sits ċentrali li jħarsu 'l quddiem tal-kategorija tal-vettura N_3 huma xierqa għat-trakters ta' veloċità ta' disinn massima ta' 40 km/siegħa jew anqas.

(3) Fid-29 ta' Marzu 2005, il-Kunsill ta' l-OECD approva id-Deċiżjoni C(2005)1, li tistabbilixxi verżjonijiet ġodda tal-kodiċi OECD għall-ittestjar ta' trakters agrikoli jew forestali.

(4) Huwa xieraq li r-referenzi jiġu adattati għall-kodiċi OECD fid-Direttivi 2003/37/KE, 86/298/KEE u 87/402/KEE sabiex titqies id-Deċiżjoni C(2005)1 tal-Kunsill ta' l-OECD.

(5) Id-Direttivi 86/298/KEE, 87/402/KEE u 2003/37/KE għandhom jiġu emendati skond dan,

(6) Il-miżuri previsti f' din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 2003/37/KE,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi I, II, u III tad-Direttiva 2003/37/KE huma emendati skond l-Anness I ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Annessi I u II tad-Direttiva 86/298/KEE huma emendati skond l-Anness II ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

L-Annessi I u II tad-Direttiva 87/402/KEE huma emendati skond l-Anness III ta' din id-Direttiva.

---

[1] ĠU L 186, tat-8.7.1986, p. 26. Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 220, tat-8.8.1987, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[3] ĠU L 171, tal-9.7.2003, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/13/KE (ĠU L 55, 1.3.2005, p. 35).

[4] ĠU L 24, tat-30.1.1976, p. 6. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 96/38/KE (ĠU L 187, 26.1.1996, p. 95).

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2005. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu mehmuża ma' din ir-referenza dakinhar tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-riferenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b' din id-Direttiva.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar it-18 ta' Ottubru 2005.

Għall-Kummissjoni

Gunter VERHEUGEN

Viċi-President

ANNESS I

L-Annessi I, II u III għad-Deċiżjoni 2003/37/KE qegħdin jiġu emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, Parti 4, partita 3.6.1. il-kliem "OECD Kodiċi 1 jew 2" jiġu sostitwiti bi "OECD Kodiċi 2".

(2) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-linja 26.1, Kapitlu B, Parti I, il-kliem "Punti fejn jinqafel iċ-ċinturin tas-sikurezza" huma mibdula bil-fraži "Ankraġġi taċ-ċinturin tas-sikurezza ([1])"

([1]) L-inqas numru ta' punti ta' ankraġġ meħtieġa għat-trakters tal-kategoriji T1, T2, T3, C1, C2 u C3 huwa tnejn, I, Appendiċi 1 għad-Direttiva 76/115/KEE għas-sits li jħarsu 'l quddiem tal-kategorija tal-vetturi N_3. It-tagħbiiet tat-test stabbiliti fil-punti 5.4.3. u 5.4.4. ta' l-Anness I għal dik id-Direttiva għal vetturi tal-kategorija N_3 għandhom japplikaw għal dawk il-kategoriji ta' trakters.

(b) Il-Parti II. C tal-Kapitolu B hija mibdula b'dan li ġej:

'Parti II C

Korrispondenza mal-kodiċi standardizzati OECD

Il-bullettini tat-test (kompleti) konformi mal-kodiċi OECD mogħtija hawn taħt jistgħu jintużaw minflok ir-rapporti tat-test imfassla b'konformità mad-direttivi separati korrispondenti.

Numru mogħti fit-tabella fil-Parti I (direttivi separati)		Suġġett	Kodiċi OECD (*)
10.1.	(77/536/KEE)	Testijiet uffiċjali fuq l-istrutturi ta' protezzjoni tat-trakters agrikoli jew forestali(testjar dinamiku)	Kodiċi 3
26.1	(76/115/KEE)		
16.1.	79/622/KEE	Testijiet uffiċjali fuq l-istrutturi ta' ta' protezzjoni tat-trakters agrikoli jew forestali(testjar statiku)	Kodiċi 4
26.1	76/115/KEE		
19.1.	86/298/KEE	Testijiet uffiċjali fuq l-istrutturi ta' protezzjoni mwaħħla fuq wara tat-trakters agrikoli jew forestali tat-tip "narrow –tracked"	Kodiċi 7
26.1	76/115/KEE		
21.1.	87/402/KEE	Testijiet uffiċjali fuq l-istrutturi ta' protezzjoni mwaħħla fuq quddiem tat-trakters agrikoli jew forestali tat-tip "narrow –tracked"	Kodiċi 6
26.1	76/115/KEE		
	SD (**)	Testijiet uffiċjali fuq l-istrutturi ta' protezzjoni tat-trakters agrikoli jew forestalitat-tip "track-laying"	Kodiċi 8
26.1	76/115/KEE		

(*) Il-bullettini tat-test għandhom ikunu konformi mad-Deċiżjoni OECD C(2005)1. L-ekwivalenza tal-bulettin tat-test tista' biss tiġi rikonoxxuta għall-ankraġġi taċ-ċintorini tas-sikurezza jekk dawn ikunu ġew ittestjati.
Ir-rapporti tat-test f'konformità mal-Kodiċi ta' wara d-Deċiżjoni C(2000) 59 kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni C(2003)252 jistgħu jiġu aċċettati matul perjodu tranżizzjonali ta' sena waħda li tibda mid-data tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni C(2005)1 fuq il-websajt OECD, i.e. sal-21 ta' April 2006.

(**) SD: għandha tkun koperta b'direttiva separata'

(3) Fl-Anness I, Parti 4, partita 3.6.1. il-kliem 'OECD Kodiċi 1 jew 2' jiġu sostitwiti bi 'OECD Kodiċi 2'.

ANNESS II

L-Annessi I, u II għad-Direttiva 86/298/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-punt 1 tal-Kodiċi 7 tad-Deċiżjoni OECD C(2005)1 tad-29 ta' Marzu 2005, minbarra il-punt 1.1, għandhom japplikaw."

(2) L-Anness II huwa sostitwit bit-test li ġej:

"*ANNESS II*

Rekwiżiti tekniċi

Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip KE dwar strutturi mwaħħla fuq wara ta' trakters agrikoli jew forestalitat-tip 'narrow-tracked' bħala protezzjoni fil-każ li jinqalbu, huma dawk stabbiliti fil-punt 3 tal-kodiċi 7 tad-Deċiżjoni OECD C(2005)1 tad-29 ta' Marzu 2005, minbarra il-punti 3.1.4 ('Rapporti tat-test'), 3.4 ('Modifiki żgħar'), 3.5 ('Tikkettjar') u 3.6 ('Ir-rendiment ta' l-ankraġġ taċ-ċinturin tas-sikurezza')."

ANNESS III

L-Annessi I, u II għad-Direttiva 87/402/KE huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness I, il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-punt 1 tal-Kodiċi 6 tad-Deċiżjoni OECD C(2005)1 tad-29 ta' Marzu 2005, minbarra il-punt 1.1, għandhom japplikaw."

(2) L-Anness II huwa sostitwit bit-test li ġej:

"*ANNESS II*

Rekwiżiti tekniċi

Ir-rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip KE dwar strutturi mwaħħla fuq wara ta' trakters agrikoli jew forestali tat-tip 'narrow-tracked' bħala protezzjoni fil-każ li jinqalbu, huma dawk stabbiliti fil-punt 3 tal-kodiċi 6 tad-Deċiżjoni OECD C(2005)1 tad-29 ta' Marzu 2005, minbarra il-punti 3.4 ('Rapporti tat-test'), 3.6 ('Modifiki żgħar'), 3.5 ('Tikkettjar') u 3.7 ('Ir-rendiment ta' l-ankraġġ taċ-ċinturin tas-sikurezza')."
